MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 70/2009

**Il-Pulizija**

**Vs**
**Charles Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fis-26 ta’ Lulju, 2007, ghall-habta ta’ 00.05 hrs, fi Triq Regjonali, Msida, waqt li kien qed isuq vettura numru CAJ-592 fl-imsemmija triq li hija regolata b’sinjali ta’ dawl tat-traffiku,
1. naqas li jieqaf meta d-dawl kien qed jixghel dawl ahmar;
2. saq l-imsemmija vettura numru CAJ-592 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita’ dwar it-Trasport ta’ Malta biex tintuza fit-triq (licenzja tal-vettura mhux imgedda);

3. saq l-istess vettura numru CAJ-592 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni;
4. kif ukoll bhala l-persuna li ftiehem jew accetta li jixtri jew ibiegh, skrapja jew b'xi mod iehor iddispona mill-vettura numru CAJ-592 naqas li jaghti avviz bil-miktub fiz-zmien seba' t'ijiem lill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta dwar il-bidla tas-sid ta' l-imsemmija vettura.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Frar, 2009, li biha, wara li rat ir-Regolament 125 tal-Avviz Legali 128/1994, ir-Regolamenti 14(1) u 51(7)(a) tal-Avviz Legali 476/2004, l-artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati w fuq l-ewwel akkuza kkundannatu ghall-piena ta' €47 ammenda, fuq it-tieni akkuza kkundannatu ghall-piena ta' €117 multa, fuq it-tielet akkuza wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kkundannatu ghall-piena ta' tlett (3) xhur prigunerija w ordnat li din is-sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija w ghar-raba' akkuza ddikjarat li din giet irtirata mill-prosekuzzjoni.
Bl-applikazzjoni tal-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12) il-xahar.
Finalment il-Qorti tat lill-appellant l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-6 ta' Marzu, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma li m'huwiex hati tar-raba' akkuza, filwaqt li tilliberah mill-ewwel, mit-tieni u mit-tielet akkuza w, fin-nuqqas, timponi piena aktar ekwa w gusta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat il-verbal li bih l-appellant, tramite d-difensur tieghu, irtira l-aggravju dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet u zammu ferm inkwantu jirrigwarda s-sejbien ta’ htija tat-tielet imputazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkonsidrat

Illi dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet ftit hemm x’wiehed jghid ghax dawn jirrizultaw b’mod skjaccanti w minghajr kontestazzjoni miz-zewg affidavits irrilaxxjati minn PS 70 Omar Caruana u PS 245 Keith Arnaud u ghalhekk dawn iz-zewg imputazzjonijiet, apparti li issa qed jigu ammessi, jirrizultaw ampjament.

Illi ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni ta’ sewqan minghajr ma kien kopert b’polza ta’ sigurta’ dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, jirrizulta mill-istess affidavit tal-ufficjali tal-Pulizija fuq imsemmija illi dak inhar stess l-appellant kien hadilhom w urihom polza ta’ assigurazzjoni li kienet tkopri l-vettura mahruga dak inhar stess mill-MiddleSea Insurance.  Illi din il-polza jew kopja taghha ma gietx esebita mill-prosekuzzjoni w din il-Qorti ghandha tipprezumi, kif qed tipprezumi, illi kienet iggib id-data ta’ dak inhar stess u sakemm ma jkunx hemm prova kontrarja ghandha tqis li la l-polza harget bid-data tas-26 ta’ Lulju, 2007, kienet tkopri l-gurnata intiera w mhux biss parti mill-gurnata mill-hin li thallset l-assigurazzjoni l-quddiem.

Konsegwentement fl-istat tal-provi din il-Qorti tara li l-aggravju dwar it-tielet imputazzjoni jimmerita’ li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha inkwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w fejn ikkundannatu Euro 47 ammenda kif ukoll fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni w ikkundannatu Euro 117 multa w fejn ma haditx konjizzjoni

tar-raba' imputazzjoni ghaliex din giet irtirata mill-prosekuzzjoni w fl-istess hin tirrevokaha fejn sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni li saq il-vettura CAJ 592 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni w fejn ikkundannatu ghall-piena ta' tlitt xhur prigunerija w ordnat li din is-sentenza inkwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn l-appellant jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija, w minflok tilliberah minn din l-akkuza w piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza w tirrevokaha wkoll fejn skwalifikat lill-appellant milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------